QALA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

Il-Hamis 27 ta' Awwissu 2020

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Vici Sindku
Karl Buttigieg - Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 19.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

19.1.2 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologija.

## 19.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

19.2.1 Peress li l-minuti tas-sbatax u t-tmintax il-laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija. Il-Vici Sindku semma illi f'paragrafu numru 17.3.3 wara s-sentenza 'Il-Vici Sindku semma li ma jaqbilx li jitpoggew hemm peress li r-residentha tal-faccatta kienet informatu li' ghandhom jizdiedu l-kliem 'is-sena l-ohra' u titkompla sentenza 'ma qabiltx maghhom hemm' Wara din l-emenda, il-Kunsill approva l-minuti unanimament.

## 19.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.

19.3.1 Is-Sindku semma li huwa kellu laqgha permezz tas-Skype mas-Sur Antoine Zammit li qed jiehu hsieb il-progett tas-*slow streets*.

19.3.2 Is-Sindku ppropona illi ghandhom isiru l-manutenzjonijiet mehtiega fil-funtana ta' quddiem il-ufficini tal-Kunsill kif ukoll isiru xi dwal godda b'LED's tal-kulur u ghalhekk issuggerixxa li ghandu jigi kkuntatjat l-Perit tal-Kunsill dwar dan. Il-Vici Sindku semma li importanti li *meter* tad-dawl iehor ma jsirx sabiex 'l quddiem isir *meter* wiehed *3 phase* minhabba l-proposta tat-trasferiment tal-PV's minn 'Gnien il-Hajja' ghal fuq il-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan kollu.

19.3.3 Is-Sindku ppropona illi ghandu jigi kkuntatjat il-Perit sabiex jibda fuq il-progett ta' *traffic management* fi Triq il-Kuncizzjoni fejn is-salib. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li importanti li jingabu l-permessi mehtiega mill-Knisja u s-Superintendance Heritage minhabba s-Salib. Gie diskuss li ghandu jiehu hsieb kollox il-Perit. Il-Kunsill qabel ma dan.

19.3.4 Is-Sindku semma li din is-sena hemm id-dewmien sabiex jinzabru s-sigar tal-Pjazza peress illi xhin saret applikazzjoni bhas-soltu, il-Kunsill gie informat illi nbidlet il-procedura kollha. Imma issa suppost kollox miexi.

19.3.5 Is-Sindku semma li huwa talab stima sabiex jinbexghu s-sigar li hawn fil-lokalita` kontra l-mard.

19.3.6 Is-Sindku semma illi huwa talab stima sabiex isiru *pipes* tal-*conduit* fil-*playing field* Magistrat Salvu Attard sabiex jigu installati izjed CCTV *camera's*. Is-Sindku semma li ghandha tigi kkuntatjatha l-persuna li ghamlet l-istima sabiex jirrevedi l-istima fejn dawn l-pajpijiet jigu mghoddija minn go trinka.

19.3.7 Is-Sindku talab lis-Segretarja sabiex tipprepara l-informazzjoni li tikkonsisti f'lista tad-*direct orders* kollha li saru dawn l-ahhar ghoxrin sena, kif kien talabha f'*email* u sabiex hija titlob estenzjoni lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex l-informazzjoni migbura tigi dikussa fil-laqgha u wara tintbghat risposta. Dan inkonessjoni mal-*email* mibghuta mid-Dipartiment dwar l-artiklu li deher fil-gazzetta tas-17 t'Awwissu 2020. Is-Segretarja qrat l-*email* li hija rcievet

minghand id-Dipartiment fejn giet mitluba lista tad-*direct orders* li nghataw lis-Sa Patricia Buttigieg kif ukoll lis-Sur Paul Buttigieg mis-sena 2017 sallum. Hija semmiet illi lestiet ir-risposta u bhal ma jafu l-membri kollha tal-Kunsill, hija bghatitilhom kopja qabel ma hija kienet ser tibghatha lid-Dipartiment. Is-Sindku insisti sabiex hija tipprepara l-lista li talab huwa u s-Segretarja qalet li hija ser tibghat ittra lid-Dipartiment fejn tinformahom illi s-Sindku talabha sabiex tigbor informazzjoni dwar *direct orders* kollha li saru tul dawn l-ahhar ghoxrin sena u sabiex tinghata direttiva minghandhom dwar x'ghandha taghmel f'dan ir-rigward.

19.3.8 Giet trattata din il-korrispondenza mressqa mis-Segretarja:

19.3.9 Ittra mibghuta mill-Kunsill lill-Awdituri bhala risposta ghal *management letter* tal-awdituri dwar l-*audit findings* li hargu mill-*audit* ghas-sena finanzjarja li ghalqet 31 ta' Dicembru 2019.

19.3.10 Ittra mibghuta mill-Kunsill lil Ministeru ghal Ghawdex dwar talba ghall-laqgha mal-Ministru l-Onorevoli Clint Camilleri. Ittra li l-Kunsill rceiva mill-Ministeru fejn giet mitluba *agenda* ghal din il-laqgha. Il-Kunsill iddecida li ghandha jsir *agenda*.

19.3.11 Ittra minn Dr Michael Galea dwar pubblikazzjoni gdid bil-Malti bl-isem 'F'Qalbi, Ma Tmut Qatt' fejn huwa diga pprezenta lis-Sindku b'kopja ta' dan il-ktieb ghall-librerija tal-lokalita.` Il-Kunsill iddecida illi jixtri zewg kopji ta' dan il-ktieb, wiehed ghall-librerija u l-iehor ghal Kunsill.

19.3.12 Ittra mis-Sur Mizzi dwar talba sabiex jigu installati zewg arbli biz-zewg bozoz tat-triq fi Triq Sant Antnin. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jsir dan ghalissa peress li l-ewwel ghandhom jigu installati il-bzonn ta' bozoz f'toroq residenzjali.

19.3.13 Ittra mill-Qala Saints FC fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex ibiddel u jsewwi il-madum li hemm fit-terazzin tal barra quddiem il-*clubhouse* filwaqt li l-ispejjes ser ikunu koperti mill-*club*. Il-Kunsill unanimament qabel li ghandhom jinghataw permess.

19.3.14 Ittra mibghuta mill-Kunsill lil kuntrattur TC Cleansing Services fejn gie nformat illi l-kwotazzjoni tieghu ghal servizz ta' tindif u tiknis ta' toroq fil-lokalita` giet accettata u dan mit-Tnejn sas-Sibt ghal sitt sighat kuljum ghal tlett xhur. Dan wara li l-membri tal-Kunsill kienu kkonfermaw l-approvazzjoni taghhom ghal din il-kwotazzjoni permezz tal-*email* peress li kienet ta' natura urgenti.

19.3.15 Talba tas-Sindku ghal *double yellow line* fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li l-persuna li ghamlet din it-talba issa ma tridx li jsir dawn id-*double yellow lines* u l-Kunsilliera semmiet li ghalhekk l-ahjar, li ghalissa, ma jsirx talba.

19.3.16 Ittra mill-Ministeru ghal Ghawdex fejn informaw lil Kunsill illi bhala parti mill-progett ta' afforestazzjoni ta' Gnien il-Hajja', l-Eco Directorate tixtieq illi tittrasferixxi l-PV's li hemm fi 'Gnien il-Hajja' ghal fuq il-bini tal-Kunsill Lokali sabiex jibdew jahdmu u li jekk ikunu hemm panelli mkissrin, dawn jinbidlu. Peress illi fl-*email* ma kienx hemm fic-car ta' minn ser ikunu l-ispejjes, il-Kunsill iddecida illi ghandha tigi mibghuta ittra lill-Ministeru, sabiex jigi ccarat dan il-punt.

19.3.17 Zewg talbiet sabiex jigi jsir *traffic mirror* u jigi mtawwal d-*double yellow line* ezistenti fi Triq il-Kuncizzjoni. Il-Vici Sindku semma illi jekk jitwal d-*double yellow line,* ser jinholqu l-problemi peress li ser jittiehed il-parkegg tar-residenti tal-madwar. Ghalhekk il-Kunsill iddecida illi jsir it-*traffic mirror* izda d-*double yellow lines* m'ghandhomx jitwalu.

## 19.4 Twegibijiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

19.4.1 Il-Vici Sindku ppropona li ghandu jsir avviz u jitqassam lir-residenti li joqghodu fi Triq is-Salib u Triq Santa Marija tal-Qala sabiex il-boroz tal-iskart taghhom jinhareg quddiem ir-residenza taghhom u mhux quddiem ir-residenza ta' haddiehor. Il-Kunsill qabel ma dan.

19.4.2 Il-Kunsillier Karl Buttigieg ressaq talba sabiex isir *double yellow line* fil-parti ta' fuq ta' Triq San Guzepp ghax ir-resident li ressaq it-talba ddahhal mutur fil-*veranda* ta' quddiem l-bieb tad-dar tieghu u peress li qed jipparkjaw quddiem tieghu, huwa ma jistax jaghmel dan. Il-Kunsillier pprezenta xi ritratti. Il-Kunsill qabel li ghandha jsir applikazzjoni mat-Transport Malta.

19.4.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlaq semmiet illi l-iscammel li jigbor l-iskart organiku, qed jghaddi l-kontra l-linja fejn ir-*roundabout* ta' Pjazza Repubblika u li xhin qed jaghmel dan qed jaqgha xi likwidu taz-zibel fit-triq. Il-Kunsill iddecida li ghandu jigi nformat il-kuntrattur sabiex ma jibghax isir dan.

19.4.4 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma illi fis-17 il-laqgha huwa gie kkritikat illi huwa ma nformahx lill-Kunsill bil-*Qala Wednesdays*. Huwa semma li kien hemm hafna affarijiet li huwa ser jaf minn x'imkien iehor. Wahda minnhoma hija ta meta tqabbad l-kuntrattur tal-*street sweeping*, huwa sar jaf minn fuq *facebook.* Huwa semma illi *Qala Wednesday's* ma kinitx attivita tal-Kunsill izda giet organizzatha mill-Ministeru ghal Ghawdex u ghalhekk ma kelliex x'taqsam mal-Kunsill u gie kkritikat izda ghall-affarijiet li ghandhomx x'jaqsmu mal-Kunsill fejn il-Kunsillieri ma jkunux informati, hadd ma jghid xejn. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma illi din hija differenti peress li kien diga` gie diskuss li ghandu jigi mqabbad mill-iktar fiss. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma illi setgha gie nformat fuq *What's app* li ser jibda, bhal ma gie ssuggerit lilu meta gie kkritikat. Kaz iehor li semma il-Kunsiller Joseph Buttigieg ta' meta huwa ma kienx informat, huwa meta sar jaf minn fuq it-televizzjoni li l-Kunsill Lokali Qala ser jappella ghall-applikazzjoni ta' Ta' Muxi.

## 19.5 *Street Sweeper.*

19.5.1 Is-Sindku semma li huwa kuntent bix-xoghol li qed jaghmel il-haddiem tal-kuntrattur privat li gie mqabbad ghat-tindif u knis fil-lokalita` u li qed jahdem tajjeb. Il-Vici Sindku semma li huwa nghata dikjarazzjoni mit-tlett haddiema li kienu assenjati mal-Kunsill mill-CWSEF li issa m'ghadhomx haddiema assenjati mal-Kunsill. Huma talbu lil Vici Sindku sabiex jaqra din id-dikjarazzjoni fil-laqgha tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jaf ir-raguni ghalfejn huma talbu *transfer* sabiex ma jibghux assenjati mal-Kunsill Il-Vici Sindku qara din id-dikjarazzjoni fejn fiha kien hemm mnizzel il-mod ta' kif huma kienu qed jigu ttrattati mis-Sindku waqt li kienu haddiema mal-Kunsill. Wara li giet moqrija din id-dikjarazzjoni s-Sindku semma li ghal bidu dawn il-haddiema kienu jahdmu u li wara certu zmien ma kienux baqghu. Huwa semma li l-haddiem ta' bhalissa qed jahdem izjed minnhom. Huwa semma li fil-laqgha li jmiss ser jirrispondi. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal lis-Sindku, li huwa qatt ma kien ressaq fil-laqgha li dawn il-haddiema ma baqghux jahdmu u li illum l-ewwel darba li qed jisma lilu (s-Sindku) jghid hekk u li waqt il-laqghat huwa (s-Sindku) kien jghid kemm kienu jahdmu dawn il-haddiema. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal ukoll li huwa dejjem semgha li kienu haddiema tajbin. Is-Sindku semma li huwa kien izomm lura ghalhekk qatt ma qal xejn. Il-Vici Sindku semma li certu nies kienu jghiduli li dawn il-tlett haddiema kienu l-*alarm clock* taghhom ghax kienu jisimghuhom filghodu kmieni nnaddfu t-toroq. Is-Sindku baqgha jghid li dawn il-haddiema ma kinux inaddfu.

## 19.6 Gieh il-Qala 2020.

19.6.1 Is-Sindku ssuggerixxa li Gieh il-Qala din is-sena ghandu jinghata lit-tfal ta' Rapa peress li jiehsu hafna hsieb fil-knisja.. Il-Vici Sindku u l-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li s-sena l-ohra kien gie propost l-eks Arcipriet Fr Joe Zammit ghandu jinghata dan il-Gieh ghal din is-sena kif ukoll li fl-ahhar laqgha giet msemmija wkoll Josette Buttigieg. Is-Sindku semma li ghandu jinghata lit-tfal ta' Rapa u lil Josette Buttigieg. Il-Vici Sindku semma li peress li gie mwieghed Fr Joe Zammit, lilu jixraq li jinghata u mhux sew li jerga jinqabez. Ghalhekk il-Kunsill unanimament iddecida li din is-sena Gieh il-Qala ghandu jinghata lil Fr Joe Zammit u li l-familja Rapa u Josette Buttigieg ghandhom jinghataw dan il-gieh sena ohra. Gie diskuss illi l-attivita ma tistax isir bhas-soltu minhabba l-*Corona Virus*. Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuggerixxa li din ic-cerimonja ghandha jsir fil-Knisja. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 19.7 *Qala International Folk Festival 2020.*

19.7.1 Is-Sindku semma li l-*Qala International Folk Festival* mhux ser isir din is-sena minhabba l-*Corona Virus.*

## 19.8 Milied 2020 fil-Qala.

19.8.1 Is-Sindku semma li din is-sena ser jizdied it-tizjin bir-*rope lights* mal-palm li hemm fi Triq l-Imgarr inti u diehel fil-Qala kif ukoll li jsir xi haga quddiem il-ufficcini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 19.9 Bandiera Kunsill.

19.9.1 Is-Sindku semma li l-Ghaqda Briju San Guzepp ser jaghmlu l-bandiera tal-Kunsill ghall-arblu li hemm fi 'Gnien il-Familja', fi Triq l-Imgarr. Huwa talab stima lil din l-ghaqda. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 19.10 *Water Culvert*.

19.10.1 Is-Sindku semma li ghandu jara jekk il-Kunsill jistax japplika sabiex jintuzaw il-fondi tal-*Urban Improvement Fund* sabiex isir *water culvert* quddiem l-iskola primarja sabiex tigi solvuta l-problema tal-ilma tax-xita li jghaddi mit-triq tal-iskola kif ukoll sabiex isir *embellishment* tal-Kunsill. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li r-residenti ta' Triq l-Imgarr diga` ghandhom problema dwar il-kwantita ta' ilma tax-xita li jghaddi minn quddiem taghhom u ghalhekk jekk ikun ser isir dan il-*culvert* tajjeb li l-Kunsill jara fejn dan l-ilma ta'dan il-*culvert* ser jigi sparat. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 19.11 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti.

19.11.1 Is-Segretarja qrat l-iskeda tal-pagamenti b'referenza numru SP 10/2020. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex jithallsu l-kontijiet li huma mnizzla f'din l-iskeda ghalhekk din l-iskeda giet approvata unanimament.

QALA

## 19.12 Mozzjonijiet.

19.12.1 Ma kien hemm ebda mozzjonijiet.

## 19.13 Tmiem il-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

19.13.1 Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 8 t'Ottubru 2020.

Ikkonfermati illum, il-Hamis 8 t'Ottubru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Paul Buttigieg<br>Sindku | Marcia Borg<br>Segretarju Ezekuttiv |